MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 700/2006

**Maypole Bakery Limited**

**Vs**

**Etienne Vella**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-31 ta' Lulju 2006 l-attrici qeghda titlob li:-

1. Il-konvenut jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritorna lill-attrici l-oggetti kollha li huma proprjeta' taghha fuq imsemmija;
2. Tillikwida kumpens dovut talli uza l-oggetti kif ukoll valur ghad-deprezzament taghhom minn Mejju 2005 sad-data tal-konsenja.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-valur tal-kumpens u deprezzament likwidat.
4. Fin-nuqqas li jottempera ruhu fit-terminu moghti, tikkundannah ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm13,767.76 bl-imghax mit-30 ta' Mejju 2005 sad-data tal-hlas.

L-attrici ppremettiet li l-partijiet kienu ghamlu ftehim li bih l-attrici kellha tarma hanut mikri minn terzi ghall-konvenut sabiex minnu jbiegh prodotti taghha, liema hanut kien fil-fond numru 11, Islet Promenade, Bugibba, San Pawl il-Bahar. Kien ukoll gie abbozzat ftehim. Iktar minn sena wara li beda jaghmel uzu mill-oggetti l-konvenut gharraf lill-attrici li ma kienx behsiebu jiffirmaw l-ftehim. L-attrici trid li tinghata lura l-oggetti li l-valur taghhom hu ta' Lm13,767.76 li ma jinkludix it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u li gew elenkati f'Dokument B (fol. 8) anness mar-rikors guramentat.

Fis-16 ta' April 2009 il-konvenut ipprezenta twegiba guramentata u wiegeb li:-

1. L-azzjoni kif proposta mill-attrici m'hijiex proponibbli ghaliex qeghda taghmel tlett kawzi fl-istess proceduri.
2. Il-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attrici.
3. L-oggetti kollha nghataw lura u l-affarijiet li zamm hallas ghalihom.
4. L-attrici trid tiddikjara a bazi ta' liema provvediment tal-ligi qeghda tibbaza t-tieni u tielet talbiet.
5. M'hemm l-ebda kumpens x'jithallas lura.
6. Il-konvenut ma jaqbilx mar-raba' talba in kwantu ma jaqbilx mal-elenku tal-oggetti u lanqas il-valutazzjoni taghhom.
7. Il-pretensjoni tal-attrici kif proposta fir-raba' talba hi ezagerata.

Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti nkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici (20 ta' Gunju 2013).

Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni l-konvenut isostni li l-azzjoni hi improponibbli ghaliex f'kawza wahda saru tliet kawzi u cioe' wahda sabiex jinghataw lura oggetti mobbli, ohra ghal likwidazzjoni u hlas ta' kumpens ghall-uzu ta'

oggetti u deprezzament fil-valur taghhom, u ohra li biha l-attrici qeghda titlob somma flus li tirraprezenta l-valur tal-mobbli. Eccezzjoni ghal kollox frivola meta tqies li:-

i. Il-pretensjoni tal-kumpannija attrici titratta dwar l-istess relazzjoni guridika;
ii. Wiehed ma jistax jippretendi li l-kumpannija attrici tipprezenta kawza differenti ghal kull pretensjoni. Kieku jkun hekk ifisser hafna iktar spejjez u moltiplikazzjoni ta' kawzi;
iii. Ma tezistix inkompatibilita' bejn it-talbiet. F'dan ir-rigward ir-raba' talba hi sempliciment konsengwenza tal-ewwel talba fl-eventwalita' li l-konvenut jonqos milli jirritorna l-mobbli fit-terminu stabbilit mill-qorti.

Meta giet prezentata l-kawza (31 ta' Lulju 2006) il-vertenza kienet dwar:-

i. Oggetti li kienu ghadhom ma nghatawx lura lill-attrici u deskritti fid-dokument B anness mar-rikors guramentat (fol. 8). Fil-lista tad-dokumenti dak id-dokument gie deskritt bhala *"Valur tal-oggetti meritu tal-kawza."*. Fil-hames paragrafu tar-rikors guramentat l-attrici ppremettiet li:-

*"….interpellat diversi drabi lill-konvenut sabiex jirritorna l-oggetti kollha imsemmija proprjeta' tal-attrici, izda baqa' inadempjenti hlief li irritorna zewg fridges tal-marka Frizoll u forn tal-marka worldwide b'dan illi ghad hemm f'idejn il-konvenut numru ta' oggetti proprjeta tas-socjeta attrici li l-valur taghhom, nieqes il-VAT, jammonta ghal tlettax-il elf, seba' mija u sebgha u sittin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm13,767.76) (Dok. B)."*.

Mill-ewwel talba tar-rikors guramentat hu altru milli evidenti li l-attrici talbet li tinghata lura l-oggetti li jissemmew f'Dok. B anness mieghu.

ii. Talba ghall-hlas ta' kumpens minhabba l-uzu u deprezzament fil-valur tal-oggetti.

Dwar l-affarijiet li ghad hemm kontestazzjoni dwarhom hemm qbil li dawn jikkonsistu[1] f'dak elenkat fil-prospett tad-danni a fol. 11 u deskritt bhala:
i. 06/04/05 Carmel Cauchi Lm500. Jirrizulta li dan jirrelata ghall-valur ta' xoghol ta' kostruzzjoni li sar fil-fond u li kien jikkonsisti fit-tqeghid ta' tlett travi, tnehhija ta' zewg hitan, tqeghid ta' gebel fuq shaft, erbgha targiet tal-gebel u tindif tal-post (Dok. T a fol. 37).
ii. 20/04/05 Carini 35391 Lm209 ghax-xiri ta' madum (Dok. P a fol. 33).

Fin-nota li pprezenta l-konvenut fis-7 ta' Mejju 2012 iddikjara li:

*"….. ghajr il-kumpens ghall-uzu u ghad-deprezzament tal-oggetti ritornati li qieghda tippretendi s-socjeta' attrici huwa hallas l-oggetti elenkati kollha hlief dawk intestati Carmel Gauci u Carini, u dan ghaliex dawn jikkoncernaw spejjez li s-socjeta attrici ghamlet minghajr ma kkonsultat mal-konvenut."*.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-attrici pprezentat fl-20 ta' Gunju 2013 jidher li hemm qbil ma' dan, tant li nghad hekk:-

*"25. Minn dan kollu jitnissel illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-kumpannija attrici:*

*(i) is-somma ta' Lm709 ossia €1651.53 (Lm5481.96 – Lm4772.96) u dan fir-rigward tal-parti 2 a) tal-prospett tad-danni; u*
*(ii) l-ammont ta' €2,281.57c fir-rigward tal-parti 2b) tal-prospett tad-danni; u*
(iii) *l-imghax relattiv."*.

[1] Ara nota prezentata mill-konvenut fis-7 ta' Mejju 2012 (fol. 88). Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2012 gie ddikjarat: *"Il-partijiet qeghdin jaqblu li fir-rigward tal-prospett fol. 11 fil-parti 2a il-kontestazzjoni hi dwar Carmel Cauchi u Carini. Fir-rigward tal-parti 2b Baketech, l-attrici qeghda tirrinunzja ghall-pretenzjoni. Hemm ukoll qbil illi l-apparta li jissemma fil-parti 2b tal-prospett gie ritornat lura lill-attrici."* (fol. 93).

Fir-rigward tal-items Carmel Gauci u Carini (ara fol. 11 parti 2a) li jirreferu ghal xoghol ta' kostruzzjoni u xiri ta' madum, il-qorti tirrileva li:-

i. M'humiex oggett tal-kawza proposta mill-attrici. Fil-fatt kien biss f'nota prezentata fit-2 ta' Frar 2009 (fol. 10) li ssemmew ghall-ewwel darba[2].
ii. Fit-talbiet tar-rikors guramentat m'hemmx kompriza talba ghall-hlas ta' xoghol li sar mill-attrici fil-fond 11, Islet Promenade, Bugibba ghal beneficcju tal-konvenut.

Jekk il-qorti kellha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm709 (€1651.53 ewro) tkun qeghda taghti lill-kumpannija attrici affarijiet li ma ntalbux.

L-attrici qeghda tippretendi wkoll hlas ta' kumpens ghall-uzu u deprezzament tal-oggetti ritornati. F'dan ir-rigward fin-nota li pprezentat fit-2 ta' Frar 2009 spjegat li l-pretensjoni taghha ghall-hlas ta' kumpens ghall-uzu u deprezzament fuq l-oggetti li kienu gew ritornati, kienet ta' 10% tal-valur tal-oggetti[3]. Fl-istess nota elenkat l-oggett li fuqhom tippretendi l-hlas:-

i. Frizoll (8 ta' Gunju 2005) ghall-prezz ta' Lm1,175 (Dok. D a fol. 21).
ii. Frizoll ghall-prezz ta' Lm1,175 (ma giex prezentat dokument ghalkemm jidher li kien hemm zewg freezers li nxtraw. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal Dok. EV1 li pprezenta l-konvenut flimkien mat-twegiba guramentata fejn jissemmew tnejn).
iii. Worldwide (8 ta' Lulju 2005) ghall-prezz ta' Lm725 (Dok. O a fol. 32).
iv. Cini (13 ta' Gunju 2005) ghall-prezz ta' Lm6,694.80 (Dok. U a fol. 38).

Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2012 rega' gie kkonfermat li dawn l-oggetti kienu gew ritornati lill-attrici. Ghalkemm jissemmew ukoll oggetti li kienu nxtraw minghand Baketech ghall-prezz ta' Lm1,150, fis-seduta tal-5 ta'

[2] Ara Dok. B a fol. 8.
[3] Fir-rigward tal-oggetti li kienu ghadhom ma gewx prezentati, jidher bic-car li l-kwistjoni giet ezawrita meta fil-mori tal-proceduri kien sar hlas lill-attrici.

Ottubru 2012 (fol. 93) gie ddikjarat li kienet qegha tirrinunzja ghall-pretensjoni.

Minn dan kollu l-qorti tosserva li:-

i. Il-meritu tal-ewwel u raba’ talbiet hu ezawrit wara l-hlas li sar fil-mori tal-proceduri.

ii. Ghal dak li jikkoncerna l-pretensjoni ghall-hlas ta’ kumpens minhabba l-uzu tal-mobbli u deprezzament fil-valur:-

(a) Il-konvenut kien qieghed juza l-mobbli bil-permess tal-attrici;
(b) F’xi zmien il-konvenut gie moghti skrittura privata (fol. 4), li kellha tirregola r-relazzjoni kuntrattwali ta’ bejn il-partijiet, u ntalab jiffirmaha. Jidher li hu ma qabilx mal-kontenut u ma ffirmax. Mill-atti ma jirrizultax meta l-abbozz tal-ftehim inghata lill-konvenut. Inoltre, fil-fehma tal-qorti l-konvenut kellu kull dritt li jirrifjuta li jiffirma l-iskrittura gialadarba m’hijiex konvinta li nghata l-opportunita’ li jinnegozja u jaqbel ma’ dak kollu li jinghad fiha. Wiehed ghalhekk ma jistax isostni li l-konvenut ma kellux *bona fide*. Hu gie pprezentat b’abbozz ta’ kuntratt, qrah u ma kienx kuntent b’dak kollu li kien jinghad fih. Ghalhekk kellu kull dritt li jirrifjuta li jiffirmah.
(c) Minkejja li ma giex iffirmat il-kuntratt, il-partijiet xorta hadmu ma’ xulxin.
(d) L-attrici kienet qeghda tiehu beneficcju mill-fatt li fil-hanut kienu qeghdin jinbieghu prodotti taghha. Min-naha tieghu l-konvenut kien qieghed jircievi 30% tal-qliegh u kien qieghed ibiegh prodotti ohra.
(e) Fil-fatt Carmel Debono xehed li s-sena li damu jahdmu mal-konvenut kienet sena tajba hafna[4]. Fil-fehma tal-qorti matul dak il-perjodu xorta kienet tezisti relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti, minkejja li ma kienx hemm kuntratt bil-miktub. F’dak il-perjodu l-konvenut kien qieghed juza l-mobbli li xtrat l-attrici, bil-kunsens taghha. Ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif l-attrici tippretendi li

[4] *"Ghamilna sena nahdmu u rrid nghid li kienet sena tajba hafna."* (fol. 83).

ghandha jedd li tircievi xi kumpens ghall-uzu tal-oggetti u d-deprezzament fil-valur taghhom.

(f) Peress li ma kienx gie ffirmat ftehim bejn il-partijiet, il-konvenut ma kellu l-ebda obbligu li jibqa' f'negozju mal-attrici. Dan qieghed jinghad in kwantu Carmel Debono xehed: *"Wara sena li l-konvenut kien ilu jopera taht l-isem ta' Maypole kif aktar qabel spjegat, huwa iddecieda li ma jibqax jixtri minghandna."* (fol. 83). Hu evidenti li l-attrici hadet riskju meta ghamlet l-ispejjez fil-fond qabel ma accertat ruhha li jigi ffirmat il-kuntratt. Kien fl-interess taghha li tizgura li fl-ewwel lok jigi ffirmat il-kuntratt. Ghalhekk ma tistax tilmenta min-nuqqas taghha stess.

(g) Id-dritt tal-attrici ghall-hlas ta' kumpens hu semmai fl-intervall minn meta l-partijiet ma baqghux jaghmlu negozju flimkien sakemm l-oggetti inghataw lura lill-kumpannija attrici. Dwar dan m'hemmx provi cari ghajr ghal xi ittri legali. Hekk per ezempju f'ittra legali datata 13 ta' Lulju 2006 (fol. 101) id-difensur tal-konvenut ikkonferma li:-

- r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet ma setatx tkompli;
- il-freezers li kienu nxtraw minghand Frizoll u l-forn mixtri minghand Worldwide, kellhom jigu ritornati. Fil-fatt fir-rikors guramentat l-attrici kkonfermat li dawn kienu gew ritornati.

L-indikazzjoni hi li l-inkwiet inqala' ghal habta ta' Gunju 2006. Ifisser li l-freezers u l-forn kienu, tista' tghid, gew ritornati minnufih li l-partijiet ma komplewx fin-negozju. Meta giet prezentata l-kawza (31 ta' Lulju 2006) l-affarijiet li jissemmew f'paragrafu 2b tan-nota tat-2 ta' Frar 2009 (ara fol. 11) li kienu ghadhom ma gewx ritornati kien xoghol tal-injam bhal counter u xkaffar[5]. F'ittra legali datata 1 ta' Awissu 2006 il-konvenut iddikjara li ma kienx lest li jhallas ghal dawn l-oggetti u ssuggerixxa li *"….jinghata l-fakolta li juzaw dawn l-oggetti sa l-ahhar ta' Ottubru u li dawn jigu ritornati lill-klijent tieghek."* (fol. 103). F'ittra legali ohra datata 17 ta' Ottubru 2006 (fol. 62) il-kumpannija attrici giet infurmata biex *"….tirtira l-ixkaffar*

[5] Deskritt bhala Cini fis-somma ta' Lm6,694.80. L-oggetti jikkonsistu f'dak li jissemma fil-kont datat 13 ta' Gunju 2005 (Dok. U) a fol. 38.

*mill-indirizz tal-hanut 11, Islets Promenade, Bugibba liema xkaffar huwa proprjeta tal-kumpannija.”*. Jidher ghalhekk li fi zmien qasir li nqalghet il-kwistjoni dawn ukoll gew ritornati lill-attrici. Ghalhekk il-qorti ma tarax x’deprezzament seta’ kien hemm fi xkaffar tal-injam. Dwar kumpens ghall-uzu tal-ixkaffar u counter, il-qorti ma tarax li ghandha toqghod tillikwida *arbitrio boni viri* ammonti ta’ flus zghar in kwantu hu evidenti li gew ritornati fi zmien qasir minn meta nqala’ l-inkwiet u l-partijiet ma baqghux jinnegozjaw.

Il-kumpannija attrici qeghda tippretendi wkoll l-imghax mill-15 ta’ Gunju 2005 fuq l-oggetti li ma gewx ritornati u deskritti f’paragrafu 2(a) tan-nota tat-2 ta’ Frar 2009 (ara fol. 11). Mill-atti jirrizulta li l-konvenut kien ghazel li jzomm l-oggetti u jhallas lill-attrici l-valur tal-oggetti. F’dan il-kuntest issir riferenza ghall-verbal li sar f’kawza ohra li kellhom il-partijiet (numru 230/2006) [fol. 40] u n-nota li pprezenta l-konvenut fis-7 ta’ Mejju 2012 (fol. 88). Jirrizulta li l-hlas sar f’nofs Gunju 2007. Fil-fehma tal-qorti fir-rigward tal-imghax fuq is-somma ta’ Lm4,772.96 (€11,118) it-talba hi gustifikata min-nofs Gunju 2006[6] sal-10 ta’ Mejju 2007 (data dikjarata mill-attrici fin-nota ta’ sottomissjonijet [ara paragrafu 26] cjoe’ d-data tad-depozitu fil-qorti [ara fol. 43]).

Ghalhekk fic-cirkostanzi t-talbiet ghall-hlas tal-kumpens ser jigi michuda.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.**
**2. Tiddikjara li t-talba numru wiehed (1) hi ezawrita. Fir-rigward tar-raba’ talba peress li fil-mori tal-proceduri il-konvenut hallas, m’hemmx htiega ta’ kundanna hlief ghall-imghax mill-15 ta’ Gunju 2006 sal-10 ta’ Mejju 2007 fuq ic-cifra ta’ €11,118. Ghalhekk**

---

[6] Ghalkemm l-attur jippretendi li l-imghax ghandu jithallas mill-15 ta’ Gunju 2005, il-qorti ma taqbilx. Mill-provi rrizulta li l-kontendenti damu sena f’negozju. Certament li matul dik is-sena l-ebda imghax ma kien dovut ghaliex il-mobbli kienu fil-pussess tal-konvenut bhala parti min-negozju.

**tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija attrici l-imghax fuq din is-somma ghall-imsemmi perjodu. L-ispejjez relatati ma' dawn it-talbiet ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut gialadarba kien biss fil-mori li l-kwistjoni giet ezawrita bi hlas li sar lill-attrici.**

**3. Tilqa' l-hames eccezzjoni u tichad it-tieni (2) u tielet (3) talba tal-kumpannija attrici. Spejjez a karigu taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------